(ii) il-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet relatati mal-kunfidenzjalità inklużi fil-leġiżlazzjoni settorjali dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill Nru 91/414/KE, tal-15 ta' Lulju 1991, li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([3]) u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009, dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([4]); u

(iii) il-Qorti Ġenerali wettaq żball billi ma ħaditx kont tan-neċessità li tinterpreta l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Aarhus b'mod konformi, safejn dan huwa possibbli, mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u mal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ ("il-Ftehim TRIPs").

([1]) ĠU L 264, p. 13.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331.
([3]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 11, p. 332.
([4]) ĠU L 309, p. 1.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-23 ta' Diċembru 2013 — Diageo Brands BV vs Simiramida-04 EOOD

**(Kawża C-681/13)**

(2014/C 71/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Diageo Brands BV.

*Konvenuta:* Simiramida-04 EOOD.

### Domandi preliminari

(1) Għandu l-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 44/2001 ([1]) jiġi interpretat fis-sens li dan il-motiv ta' rifjut jirrigwarda wkoll il-każ li fih id-deċiżjoni tal-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini hija manifestament kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni u li l-imsemmi qorti rrikonoxxiet dan?

(2) (a) Għandu l-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li l-parti li tinvoka l-motiv ta' rifjut li jidher fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 44/2001, ma eżerċitat ebda rimedju ġudizzjarju għad-dispożizzjoni tagħha fl-Istat Membru tal-oriġini tad-deċiżjoni, jipprekludi li hija tinvoka b'mod utli dan il-motiv ta' rifjut?

(b) Jekk id-domanda 2(a) tingħata risposta affermattiva, ir-risposta tkun differenti jekk l-eżerċizzju ta' rimedju ġudizzjarju fl-Istat Membru tal-oriġini tad-deċiżjoni kien inutli, peress li għandu jiġi ammess li dan l-eżerċizzju ma kienx iwassal għal deċiżjoni differenti?

(3) L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2004/48 ([2]) għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tirrigwarda wkoll l-ispejjeż li jsiru mill-partijiet fil-kuntest ta' talba għad-danni fi Stat Membru jekk it-talba u d-difiża jirrigwardaw l-allegata responsabbiltà tal-konvenuta minħabba sekwestri kawtelatorji u notifiki magħmula bil-għan li jiżguraw l-osservanza tad-dritt ta' trade marks tagħha fi Stat Membru ieħor u li, f'dan ir-rigward, titqajjem il-kwistjoni tar-rikonoxximent fl-ewwel Stat Membru ta' deċiżjoni mogħtija mill-qorti tat-tieni Stat Membru?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).
([2]) Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (l-Isvezja) fis-27 ta' Diċembru 2013 — X AB vs Skatterverket

**(Kawża C-686/13)**

(2014/C 71/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

### Qorti tar-rinviju

Högsta förvaltningsdomstolen

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* X AB

*Konvenut:* Skatterverket

### Domanda preliminari

L-Artikolu 49 TFUE u l-Artikolu 63TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-Istati ta' residenza ta' impriża ma tippermettix lil din tnaqqas telf fil-kambju li huwa parti integrali minn telf kapitali fuq sehem li għandha f'kumpanija residenti fi Stat Membru ieħor, fejn l-Istat Membru ta' residenza tal-ewwel impriża japplika sistema li taħtha l-qligħ u t-telf kapitali fuq dawn l-ishma huma inklużi fil-kalkolu tal-bażi tat-taxxa?